**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-03 ta' Frar, 2017**

**Talba numru 291/2016 AM3**

**Lista Numru: 46**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Skyparks Business Centre,**

**Malta International Airport,**

**Luqa**

**Vs**

**Tania Mifsud (K.I. 225674M)**

**4, Midnight Express,**

**Triq Paris, Sqaq Nru 2,**

**Zebbug**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-02 ta' Awwissu, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' sitt mija u disgha u sittin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€669.53c) liema somma huwa

in konnessjoni ma' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenuta migbura fil-kont bin-numru 1.11000754 u l-kont numru 1.11002276.

Peress li s-Socjeta' attrici a fol 2 ipprezentat l-affidavit ta' rapprezentant tas-Socjeta' attrici Jeremy Debono li fost ohrajn iddikjara li l-ammont ghadu dovut.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenuta giet debitament notifikata bit-talba, u bl-avviz u bl-affidavit tar-rapprezentant tas-Socjeta' attrici izda la dehret ghall-ewwel seduta u lanqas ikkontestat it-talba u ghalhekk dan it-Tribunal ddikjara l-provi maghluqa.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' sitt mija u disgha u sittin ewro u tliet u hamsin centezmu (€669.53c) bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**